MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Numru 997/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Micallef)**

**vs**

**BALDASSARE BALDACCHINO**

**Illum 14 ta' Jannar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Baldassare Baldacchino, 53 yrs, iben Baldassare u Giovanna nee` Brincat, imwieled B'Kara fit-8 ta' Ottubru 1950 u li joqghod 12, Triq Kola Xara, Rabat, detentur ta' karta ta' l-identita` bin-numru 852450M gie akkuzat:

Talli bejn 24/1/2000 u 10/10/2003 fil-fond 12, Triq Kola xara, Rabat, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 1000 ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur (Lm 275.96)

2. Ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok. MM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigward dan il-kaz u li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Baldassare Baldacchino, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tal-lum li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigward dan il-kaz, li l-imputat ikkopera mal-pulizija, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u il-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Baldassare Baldacchino l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------